MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 484/2008

**A B C**

**-vs-**

**D C f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri E F C nominata b'digriet tal-10 ta' Mejju 2010 u bl-istess digriet gie kjamat fil-kawza l-minuri E F C;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti huma mizzewgin u de facto separati minn xulxin u qeghdin fil-process tas-separazzjoni personali legali, u ilhom separati *de facto* ghal kwazi sena.

Illi r-rikorrent ghadu kif sar jaf illi fit-22 ta' Gunju 2008, l-intimata D C welldet tarbija li jsimu E F C, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument GPC1.

Illi ma hemm l-ebda dubju li din it-tarbija twieldet minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-intimata C kellha ma' terza persuna u mhux minn xi relazzjoni li hi kellha mar-rikorrent, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, pero' fl-att tat-twelid tal-minuri, ir-rikorrent jinsab indikat bhala missier l-istess minuri.

Illi r-rikorrent irid jichad milli jaghraf lill-minuri E F C bhala ibnu naturali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-minuri E F C m'huwiex il-wild naturali tar-rikorrent u li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri E F C, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem (A B C", in-numru tal-karta tal-identita' tar-rikorrent, il-professjoni jew sengha tar-rikorrent, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tar-rikorrent kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk jehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti u sabiex fid-dettalji relattivi ghall-attur fuq ic-certifikat ghandhom jithassru l-kliem '*the said*'.

Bl-ispejjez kontra l-intimata D C li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat in-nota ta’ D C li permezz taghha tammetti t-talbiet attrici, b’dana illi ghandhom jigu kkjamati fil-kawza kuraturi ghall-minuri E F C.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-minuri ghandu jkun parti fil-kawza u l-interessi tieghu rapprezentati minn kuraturi deputati.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, jehtieg li l-kliem “*the said*” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu giet mahtura D C bhala kuratur tal-minuri E F C.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza A B C qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-minuri E F li twieled lil martu waqt iz-zwieg, fil-fatt m’huwiex wild naturali tieghu.

Il-Qorti hi tal-fehma illi bil-provi prodotti, partikolarment u essenzjalment mir-rizultati tal-ezamijiet xjentifici esegwiti minn Dr. Renald Blundell u Dr. Burkhard Rolf, u minnhom konfermati bil-gurament, ma jezisti ebda dubju illi dak li qed isostni r-rikorrenti huwa minnu u t-talba jisthoqq li tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba ta’ A B C u tiddikjara li l-minuri E F m’huwiex wild naturali ta’ A B C. Il-Qorti tordna li mill-Att tat-Twelid Nru. 2133 tas-sena 2008 mill-kolonna bil-konnotati tal-missier ghandhom jithassru d-dettalji tal-istess A B C u jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”. Mill-kolonna bil-konnotati tal-omm ghandhom jithassru l-kliem “*the said*”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn D C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------